# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 8 TA' JANNAR 2001

*Avviz. Nru 1539/00 AJD*

Rea Ceramics Limited

vs

Mary Mifsud

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmenin lira Maltin (Lm80.00) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' sett tal-kamra tal-banju lilha mibjugh u konsenjat.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Mejju, 2000, u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-istess ittra, bl-ispejjes tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju li qieghed jigi ntavolat kontestwalment mal-Avviz.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Victor Bugeja li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmenin lira Maltin (Lm80.00) bl-imghaxijiet mis-7 ta' Mejju, 2000, id-data tal-ittra ufficjali sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Mejju, 2000, kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju li gie intavolat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR